



Brussell, 3 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8240/21

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0151(COD)

CODEC 616
RECH 181
COMPET 299
EDUC 146

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fil-11 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 173(3) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-30 ta' Ottubru 2019².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ġie kkonsultat.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-27 ta' April 2021. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

¹ 11228/19

² ĠU C 47, 11.2.2020, p. 69–75

³ 8184/21

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 8/21, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
- jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

6. Fl-istess ħin, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454⁴, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni msemmija hawn fuq jekk, minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-COVID-19, ma ssir l-ebda laqgħa tal-Kunsill qabel it-12 ta' Mejju 2021.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislativ ser jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislativ għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 tat-12 ta' Marzu 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556, (UE) 2020/702, (UE) 2020/970, (UE) 2020/1253, (UE) 2020/1659 u (UE) 2021/26, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 89, 16.3.2021, p. 15–16).